Nru. 17,808
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 23 ta' Awissu, 2005
Tuesday, 23rd August, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 879**

### AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,806 u 17,807 tas-16 u d-19 ta' Awissu, 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 292 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali.

A.L. Nru. 293 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini.

A.L. Nru. 294 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Kontroll u l-Iżradikar tal-Marda *Bluetongue*.

A.L. Nru. 295 ta' l-2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Cosmetic Products (Amendment) (No. 3) Regulations, 2005*.

A.L. Nru. 296 ta' l-2005: *Civil Aviation Act; Civil Aviation (Noise Related Operating Restrictions at Airports) Regulations, 2005*.

A.L. Nru. 297 ta' l-2005: *Civil Aviation Act (Cap. 232); The Civil Aviation (Denied Boarding, Compensation and Assistance to Passengers) Regulations, 2005*.

It-23 ta' Awissu, 2005

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 879**

### LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,806 and 17,807 of the 16th and the 19th August, 2005, respectively.

L.N. No. 292 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Identification and Registration of Animals Rules, 2005.

L.N. No. 293 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Health Conditions governing Intra-Community Trade in Ovine and Caprine Animals Rules, 2005.

L.N. No. 294 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Control and Eradication of the Blue Tongue Disease Rules, 2005.

L.N. No. 295 of 2005: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Cosmetic Products (Amendment) (No. 3) Regulations, 2005.

L.N. No. 296 of 2005: Civil Aviation Act; Civil Aviation (Noise Related Operating Restrictions at Airports) Regulations, 2005.

L.N. No. 297 of 2005: Civil Aviation Act (Cap. 232); The Civil Aviation (Denied Boarding, Compensation and Assistance to Passengers) Regulations, 2005.

23rd August, 2005

**Nru. 880**

**MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPJIEG**

**Ħatra ta' Segretarju Permanenti**

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Francis Borg, M.Ed., B.A. (Gen.), Dip. Counselling, Dip. Admin. & Mngt., bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg skond l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mis-26 ta' Lulju 2005.

It-23 ta' Awissu, 2005

**No. 880**

**MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT**

**Appointment of Permanent Secretary**

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Francis Borg, M. Ed., B.A. (Gen.), Dip. Counselling, Dip. Admin. & Mngt., as Permanent Secretary in the Ministry of Education, Youth and Employment in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from the 26th July 2005.

23rd August, 2005

**Nru. 881**

**KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ**

**Ħatra ta' Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'**

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ biex jaraw il-kompetenza ta' persuni ingaġġati f'xogħol ta' Laboratorju.

*Chairperson*
Is-Sur John Mangion

*Membri*
Is-Sur Adrian Zahra
Is-Sur Joseph Tanti

*Rappreżentant ta' l-ETC*
Is-Sur Joseph Galea

It-23 ta' Awissu, 2005

**No. 881**

**EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION**

**Appointment of Trade Testing Board**

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act 1990 to assess the competences of persons engaged in Laboratory work.

*Chairperson*
Mr John Mangion

*Members*
Mr Adrian Zahra
Mr Joseph Tanti

*ETC Representative*
Mr Joseph Galea

23rd August, 2005

**Nru. 882**

**KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ**

**Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'**

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ biex jaraw il-kompetenza kif indikat. Din il-ħatra l-ġdida ġiet neċessarja wara r-riżenja mill-Bord tas-Sur Leslie Spiteri.

**No. 882**

**EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION**

**Appointment of Trade Testing Board Members**

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Boards in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act 1990 to assess the competences as indicated. This new appointment is needed following the resignation from the Board of Mr Leslie Spiteri.

***Electrical Fitting***

*Chairperson*
Is-Sur Alfred Buttigieg

*Membru*
Is-Sur Longino Dingli

It-23 ta' Awissu, 2005

**Electrical Fitting**

*Chairperson*
Mr Alfred Buttigieg

*Member*
Is-Sur Longino Dingli

23rd August, 2005

**Nru. 883**

**REGOLAMENTI TA' L-1994 DWAR L-ASSOĊJAZZJONI TA' AWTORITAJIET TA' GVERN LOKALI**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi is-Sinjura Claudette Abela Baldacchino ġiet *co-opted* u approvata bħala Membru tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'seħħ mid-9 ta' Mejju 2005. Is-Sinjura Abela Baldacchino hi r-rappreżentanta tar-Reġjun tax-Xlokk.

Is-Sinjura Claudette Abela Baldacchino hi Membru Sostitut ta' *Chamber of Regions* u *Second Alternate Member* tal-Kumitat Permanenti ta' *CLRAE* (Kunsill ta' l-Ewropa) kif ukoll Membru fil-Kumitat tar-Reġjuni (Unjoni Ewropea) kif ukoll Membru Titulari fil-Kummissjoni għall-Kultura u l-Edukazzjoni *(EDUC COMM)* u l-Kummissjoni għall-Politika Ekonomika u Soċjali *(ECOS COMM)*.

It-23 ta' Awissu, 2005

**No. 883**

**LOCAL COUNCILS (ASSOCIATION) REGULATIONS, 1994**

IT is hereby notified for general information that Mrs Claudette Abela Baldacchino was co-opted as an Executive Member of the Local Councils Association with effect from 9th May 2005. Ms Abela Baldacchino represents the South East Region.

Mrs Claudette Abela Baldacchino is a Substitute Member of the Chamber of Regions and Second Alternate Member in the Standing Committee of CLRAE (Council of Europe). She is also a Member of the Committee of the Regions (European Union), as well as Titular Member on the CoR Commission for Culture and Education (EDUC COMM) and Titular Member on the CoR Commission for Economic and Social Policy (ECOS COMM).

23rd August, 2005

**Nru. 884**

**ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)**

**Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, Valletta**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Settembru 2005 u nhar is-Sibt, l-10 ta' Settembru 2005, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, ikunu magħluqa għall-pubbliku bejn l-10.00 a.m. u l-4.00 p.m. Matul dal-ħin il-ġonna jkunu taħt il-kontroll ta' Synergix Ltd.

It-23 ta' Awissu, 2005

**No. 884**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)**

**Lower Barrakka Gardens, Valletta**

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Friday, 2nd September 2005 and Saturday, 10th September 2005, the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public between 10.00 a.m. and 4.00 p.m. During this time the gardens will be under the control of Synergix Ltd.

23rd August, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 84**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt u jiġi sospiż fid-dati u l-hinijiet indikati.

**Għajnsielem, Għawdex**

Nhar il-Ħamis, il-25 ta' Awissu 2005 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Latini, is-Simirat, Pjazza Indipendenza, Ramon Perellos u Pjazza Madonna ta' Loreto.

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu 2005 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: J.F. Chambrai to Pjazza Madonna ta' Loreto, l-Imġarr u Għajnsielem.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Awissu 2005 mill-4.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Cordina sa Pjazza Madonna ta' Loreto, il-Fawwara, Pjazza tad-Dehra, Ramon Perellos, Triq Għajnsielem, Ħamri Pjazza, Indipendenza u l-Ġnien.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awissu 2005 minn nofsinhar minn Triq l-Imġarr.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awissu 2005 mill-4.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Cordina, l-Imġarr, Pjazza Madonna ta' Loreto, il-Ġnien, il-Ħamri, Pjazza tad-Dehra, il-Fawwara, Ramon Perellos, Angelo Grech, il-Mogħdija, Chambrai, Għajnsielem u Ġużeppi Galea Rapa.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

**Ix-Xlendi, Għawdex**

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu 2005 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Kantra, San Xmun u r-Rabat.

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Settembru 2005 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Puniċi, il-Qsajjem, San Xmun, ix-Xatt, Sant' Andrija, ir-Rabat, Karolina u Pjazza Anfori.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Settembru 2005 mis-6.00 p.m. minn Triq ir-Rabat.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awissu, 2005

POLICE NOTICE

**No. 84**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited and will be suspended on the dates and times indicated.

**Għajnsielem, Gozo**

On Thursday, 25th August 2005 from 8.00 p.m. through the following streets: il-Latini, is-Simirat, Pjazza Indipendenza, Ramon Perellos and Pjazza Madonna ta' Loreto.

On Friday, 26th August 2005 from 8.00 p.m. through the following streets: J.F. Chambrai to Pjazza Madonna ta' Loreto, l-Imġarr and Għajnsielem.

On Saturday, 27th August 2005 from 4.00 p.m. through the following streets: Ta' Cordina to Pjazza Madonna ta' Loreto, il-Fawwara, Pjazza tad-Dehra, Ramon Perellos, Triq Għajnsielem, Ħamri, Pjazza Indipendenza and il-Ġnien.

On Sunday, 28th August 2005 from noon through Triq l-Imġarr.

On Sunday, 28th August 2005 from 4.30 p.m. through the following streets: Ta' Cordina, l-Imġarr, Pjazza Madonna ta' Loreto, il-Ġnien, il-Ħamri, Pjazza tad-Dehra, il-Fawwara, Ramon Perellos, Angelo Grech, il-Mogħdija, Chambray, Għajnsielem and Ġużeppi Galea Rapa.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

**Xlendi, Gozo**

On Friday, 26th August 2005 from 5.00 p.m. through the following streets: Kantra, San Xmun and ir-Rabat.

On Saturday, 3rd September 2005 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Puniċi, il-Qsajjem, San Xmun, ix-Xatt, Sant' Andrija, ir-Rabat, Karolina and Pjazza Anfori.

On Sunday, 4th September 2005 from 6.00 p.m. through Triq ir-Rabat.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

23rd August, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 85**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fiddati u l-ħinijiet indikati.

**Il-Marsa**

Nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Awissu, 2005 mis-7.00 a.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Isouard u Nerik Sacco.

Nhar il-Ħamis, il-25 ta' Awissu, 2005 mit-8.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Qormi, Karmenu Abela, Pjazza 7 ta' Ġunju, Ġużè Bajjada, Willie Attard, Dun Frans Camilleri, l-Assunta, Azzopardi, Isouard u l-Marsa.

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu, 2005 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Qormi, San Franġisk, ix-Xemxija, il-Jum, Azzopardi, il-Marsa u Isouard.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Awissu, 2005 mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Qormi, San Franġisk, l-Assunta, Saura, il-Kunċizzjoni, il-Karmnu, il-Marsa, Isouard, il-Kungress Marjan, Azzopardi u x-Xemxija.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awissu, 2005 mill-10.00 a.m. sat-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Azzopardi, San Franġisk, Qormi, San Mikiel, Azzopardi u Isouard.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awissu, 2005 mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Nerik Sacco, Isouard, Qormi, San Mikiel, l-Assunta u Azzopardi.

Hu projbit li l-vetturi jgħaddu jew jipparkjaw.

Il-vetturi misjuba qed jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

**Ir-Rabat, Malta**

Nhar is-Sibt, it-3 ta' Settembru, 2005 mis-6.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Ġużepp, Santu Wistin, San Pawl, Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (minn

POLICE NOTICE

**No. 85**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Marsa**

On Wednesday, 24th August, 2005 from 7.00 a.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Isouard and Nerik Sacco.

On Thursday, 25th August, 2005 from 8.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Qormi, Karmenu Abela, Pjazza 7 ta' Ġunju, Ġużè Bajjada, Willie Attard, Dun Frans Camilleri, l-Assunta, Azzopardi, Isouard and il-Marsa.

On Friday, 26th August, 2005 from 8.00 p.m. till midnight through the following streets: Nerik Sacco, Qormi, San Franġisk, ix-Xemxija, il-Jum, Azzopardi, il-Marsa and Isouard.

On Saturday, 27th August, 2005 from 6.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Qormi, San Franġisk, l-Assunta, Saura, il-Kunċizzjoni, il-Karmnu, il-Marsa, Isouard, il-Kungress Marjan, Azzopardi and ix-Xemxija.

On Sunday, 28th August, 2005 from 10.00 a.m. till 3.00 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Azzopardi, San Franġisk, Qormi, San Mikiel, Azzopardi and Isouard.

On Sunday, 28th August, 2005 from 7.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Nerik Sacco, Isouard, Qormi, San Mikiel, l-Assunta and Azzopardi.

Transit or parking is prohibited.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

**Rabat, Malta**

On Saturday, 3rd September, 2005 from 6.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: il-Kbira, San Ġużepp, Santu Wistin, San Pawl, Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja

Bank of Valletta sa Café di Rio) u Vjal Santu Wistin.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Settembru, 2005 mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Ġużepp, San Pawl, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (mill-Bank of Valletta sa Cafè di Rio) u Vjal Santu Wistin.

Il-vetturi misjuba qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awissu, 2005

(from Bank of Valletta to Café di Rio) and Vjal Santu Wistin.

On Sunday, 4th September, 2005 from 5.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, San Ġużepp, San Pawl, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (from Bank of Valletta to Cafè di Rio) and Vjal Santu Wistin.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

23rd August, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' Nutar fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Nutar tal-Gvern fl-Uffi-ċ ċju tan-Nutar tal-Gvern f'Malta.

2.1. Il-post ta' Nutar għandu salarju ta' Lm5,841 fis-sena li jiżdied b'Lm192 fis-sena sa massimu ta' Lm6,993 (Skala ta' Salarju numru 9).

2.2. Nutar tal-Gvern li jkun temm sentejn servizz fil-kariga, jitla' fi Skala ta' Salarju numru 8 (Lm6,211 x 209 – Lm7,465), suġġett għal servizz sodisfaċenti.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern b'mod partikulari. Il-persuni magħżula jistgħu jiġu ttrasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuni magħżula ma jistgħux jipprattikaw il-professjoni tagħhom privatament.

4. Nutar tal-Gvern, bħala regola, jagħti servizzi professjonali skond l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kap. 55) kif meħtieġ fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u kif assenjat min-Nutar Prinċipali tal-Gvern, kif ukoll dmirijiet oħra kompatibbli mal-kariga. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tingħata lill-applikanti li jitolbuha.

5. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom *warrant* li jipprattikaw il-professjoni ta' Nutar Pubbliku f'Malta;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Notary to Government**

The Public Service Commission invites applications for the posts of Notary to Government in the Office of the Notary to Government in Malta.

2.1. The post of Notary to Government carries a salary of Lm5,841 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,993 (Scale 9).

2.2. A Notary will, subject to satisfactory performance, be allowed to proceed to Salary Scale 8 (Lm6,211 x 209 – Lm7,465) on completion of two (2) years service in the grade.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis, and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Office of the Notary to Government in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointees will not be allowed the private practice of their profession.

4. A Notary to Government will normally perform professional services as a practising Notary in accordance with the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Chapter 55) as required in the Office of the Notary to Government and as assigned by the Chief Notary to Government, as well as such other duties compatible to the post. A detailed job description will be given on request to the applicants.

5. Applicants must be:-

(i) citizens of Malta;

(ii) in possession of the warrant to exercise the profession of Notary Public in Malta;

(iii) be of good moral character (applicants who are already

qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni reġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġjonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esibit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik ta' l-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern ta' Malta.

8.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months prior to the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Chief Notary to Government and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Office of the Chief Notary to Government.

8.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www/psc/gov.mt A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern, 2, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu minnufih min-Nutar Prinċipali tal-Gvern, Uffiċċju tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern, 2, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-16 ta' Settembru 2005.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand in-Nutar Prinċipali tal-Gvern mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern hu +356 – 21234696 u l-indirizz ta' l-*e-mail* hu cora.a.vella@gov.mt.

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. L-Uffiċċju tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-23 ta' Awissu, 2005

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/forms/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Chief Notary to Government, 2, Mikiel Anton Vassalli Street, Valletta.

11. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Chief Notary to Government, 2, Mikiel Anton Vassalli Street, Valletta by not later noon of Friday, 16th September 2005.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Office of the Chief Notary to Government by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Office is +356 21234696 and the e-mail address is cora.a.vella@gov.mt.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Chief Notary to Government and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Chief Notary to Government within seven (7) days.

23rd August, 2005

EUROPEAN UNION

**Vacancy in the Post of Director A*14**
**(Ref. A/022)**

A post as Director, Category A*, grade 14 is vacant in Directorate-General C, Directorate II: Industry, Research, Energy, Atomic Questions.

**Job Description**

Under the authority of the Director-General:

Ensure the management of the two units responsible for (i) Energy and Atomic questions and (ii) Research and Industry (including tourism).

Ensure management of human resources, planning and supervision of staff activities, setting of tasks and identifying human resources needs.

Participate in the Council's bodies (Working Parties, COREPER and Council sessions), acting in close cooperation with the Director-General as an adviser to the Presidency and ensuring the continuity of files through the successive Presidencies.

Help to develop compromises and solutions in complex areas.

**Qualifications Required**

Applicants must:

i. Be a national of one of the Member States of the European Union, enjoy their full rights as citizens and have fulfilled any obligations imposed on them by the laws concerning military service;

ii. Have a full university education, attested by a diploma; additional postgraduate studies would be an asset;

iii. Have solid knowledge of the files of the Directorate, with an ability to comprehend complex files, and a capacity to understand the political intricacies, in particular, be able to identify the elements and difficulties which may characterise the legislative process;

iv. Have a good knowledge of the policies of the European Union and a thorough understanding of the Council's rules of procedure and working methods;

v. Have a sharp understanding of interinstitutional relations, in particular of the Codecision procedure in the framework of relations with the European Parliament; be able to establish strong links and channels of communication with the Commission and European Parliament counterparts;

vi. Have at least twelve years of professional experience, including at least three years in a position of responsibility involving management and organisational responsibilities;

vii. Have strong analytical, synthesis and negotiation skills, excellent communication skills both as a manager and as an advisor to the Presidency, and sound political judgement;

viii. Have strong interpersonal and proven managerial skills in a multicultural structure, being in a position to delegate, supervise as well as motivate the work of staff;

ix. Be able to work under strict deadlines, in a multicultural and multilingual environment and ensure high availability;

x. Have a thorough knowledge of one of the official languages of the European Union and a satisfactory knowledge of another to the extent necessary to carry out the duties to be performed. In practice, in view of the areas of activity covered, a good knowledge of French and English is essential to carry out the duties involved.

**Selection Procedure**

In order to assist the Appointing Authority in its choice, an advisory selection board will be set up with instructions to draw up a list of the best candidates. The board will initially examine applicants' qualifications and experience and then interview those shortlisted.

**Conditions and Applications**

Applications, (addressed to Mr Dirk Schilders, Director of Human Resources at the General Secretariat of the Council of the European Union, rue de la Loi 175, 1048 Brussels), are to be sent in electronic format to the Director, Policy and Planning Department, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille Valletta, no later than noon of Tuesday 6 September 2005 at the following address: pol-plan.mpo@govt.mt

Applications will be considered only if they are fully documented, i.e. accompanied by:

A curriculum vitae covering the applicant's whole career and indicating, inter alia, qualifications, experience and current duties and

Supporting documents relating to diplomas and professional experience (photocopies only)
None of these documents will be returned.

Applicants must fulfil the conditions for admission at the time of applying.

N.B. The post involves security clearance allowing access to classified documents (CONFIDENTIAL UE Level). Having such clearance would be an advantage. Otherwise, those applying for the post will be understood to be prepared to undergo security screening under Council decision No 264/01 of 19th March, 2001)

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

23rd August, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

**Vakanzi - *Lecturing Staff***

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal membri ta' *lecturing staff* li jkunu kwalifikati u bl-esperjenza fl-oqsma li ġejjin:

**L-Ingliż/l-Ingliż għal Skopijiet Speċjali**
L-applikanti għandu jkollhom B.Ed fl-Ingliż jew l-ewwel *degree* fl-Ingliż. Il-kandidati jkunu mistennija li jgħallmu f'kull wieħed mill-korsijiet offruti. Livelli: Intermedju, Avvanzat, l-Ingliż għal Skopijiet Speċjali, livell NVQ minn 1 sa 4.

**Malti**
L-applikanti għandu jkollhom B.Ed fil-Malti jew l-ewwel degree fil-Malti. Il-kandidati jkunu mistennija li jgħallmu fil-livelli kollha f'kull kors offrut fil-Kulleġġ.

**Matematika**
L-applikanti għandu jkollhom B.Ed fil-Matematika jew l-ewwel *degree* fil-Matematika. Il-kandidati jkunu mistennija li jgħallmu f'kull wieħed mill-Istituti jew f'kull wieħed mill-korsijiet offruti mill-MCAST.

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-12 ta' Settembru, 2005 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 08.

Permess ta' l-ETC 97/2005

It-23 ta' Awissu, 2005

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

**Vacancies - Lecturing Staff**

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for lecturing staff who are qualified and experienced in the following areas:

**English/English for Special Purposes**
Applicants must have a B.Ed in English or a first degree in English. Candidates will be expected to teach in any of the courses offered. Levels: Intermediate, Advanced, English for Special Purposes, NVQ level 1 to 4.

**Maltese**
Applicants must have a B.Ed in Maltese or a first degree in Maltese. Candidates will be expected to teach at all levels in any of the courses offered throughout the College.

**Mathematics**
Applicants should have a B.Ed in Mathematics or a first degree in Mathematics. Candidates will be expected to teach in any of the Institutes and in any of the courses offered by MCAST.

Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Monday, 12th September 2005 at noon. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

ETC Permit 97/2005

23rd August, 2005

MINISTRY FOR GOZO

**Graduate Scheme for Gozo Based Business Organisations – Second Call**

The Ministry for Gozo invites applications from interested Gozo based enterprises, which may be interested in participating in the "Graduate Scheme" that has been launched as part of the project entitled 'ETC Gozo _ Courses and Schemes' under the European Union Structural Funds Programme for Malta 2004 _ 2006 co-financed under the European Social Fund.

The Graduate Scheme is aimed to assist the development of the Gozitan business community and to provide employment opportunities for Graduates in Gozo. Gozo based business organisations referred to as "Host Companies", participating in this scheme will be assisted to employ Graduates in Gozo. The duration of the scheme is of 4 years. During this period the

Host Company will select, employ and pay one or more graduates from a list of eligible applicants for the scheme. The salary of the Graduate will be agreed upon between the Host Company and the Graduate and will be included in the Contract of Employment. Under this scheme the Host Company will receive part of the salary of the Graduate amounting to Lm39.53 per week from 1 October 2005 to May 2007 (Total of 20 months).

The Host Company will be bound to employ and pay the graduate in full for a minimum period of four years. The Graduate will bind himself/herself to remain in employment with the Host Company for a minimum period of four years.

Applications received from interested enterprises will undergo a preliminary screening process for eligibility purposes. Eligible Host Companies will be asked to select the Graduate/s following which successful Graduates will be engaged with the Host Companies in Gozo under the conditions stipulated above.

Letters of application for participation in this scheme will be received by hand by Mr Marcel Bonnici at the Employment and Training Corporation, Triq l-Imġarr, Xewkija, Gozo or by e-mail at the following address: marcelb@etc.org.mt by not later than Tuesday 13th September, 2005. Late applications will not be considered.

23rd August, 2005

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

**Tħejjija ta' Pjanti għar-Reġistrazzjoni**

Id-Direttur Ġenerali, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, qed jagħmel sejħa lil dawk il-periti li lesti li jħejju pjanti biex jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà fir-Reġistru ta' l-Artijiet.

Il-periti magħżula jkunu mistennija li jispezzjonaw il-proprjetà u li jimmarkaw l-istess proprjetà fuq il-pjanti tar-Reġistru ta' l-Artijiet bid-dettalji kollha kif meħtieġa. Ħlas għal dan is-servizz ikun ta' Lm30 inkluż il-VAT.

Il-periti li jixtiequ jkunu kkunsidrati għandhom jiktbu lill-Assistent Direttur, Finanzi u Amministrazzjoni, Berġa tal-Baviera, Triq San Bastjan, Valletta CMR 02, sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Settembru 2005.

It-23 ta' Awissu, 2005

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

**Drawing Up of Registration Plans**

The Director General, Government Property Division, invites architects who are interested in drawing up plans to be used in the registration of property at the Land Registry.

Selected architects will be expected to survey the property, relate same on Land Registry plans and give the necessary details. A fee of Lm30 including VAT will be paid for the service.

Interested architects are invited to write to the Assistant Director, Finance and Administration, Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta CMR 02 by not later than Wednesday, 7th September 2005.

23rd August, 2005

KUNSILL LOKALI SAFI

**Servizzi ta' *Receptionist*/Skrivan**

Min hu interessat li joffri dan is-servizz għandu jibgħat ittra flimkien ma' CV sat-Tnejn, il-5 ta' Settembru 2005 lis-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Safi, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi ŻRQ 11.

Il-persuna magħżula tkun mistennija taħdem 15-il siegħa fil-ġimgħa filgħodu u/jew wara nofsinhar skond il-ħtieġa. Kull applikant irid ikollu minimu ta' 5 suġġetti fil-livell SEC li jkunu jinkludu l-Ingliż, il-Malti u l-Matematika kif ukoll li jkollhom ċertifikat ta' l-ECDL. Din hija sejħa għal servizz u mhux impjieg mal-Kunsill.

It-23 ta' Awissu, 2005

SAFI LOCAL COUNCIL

**Services of a Receptionist/Clerk**

Interested persons are invited to send a letter of application and a CV by not later than Monday, 5th September 2005 to The Executive Secretary, Safi Local Council, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi ŻRQ 11.

The selected person will be required to work 15 hours a week during mornings and afternoons when required. Applicants eligible to apply need to be in possession of 5 certificates at SEC level which should include Mathematics, Maltese and English and are in possession of an ECDL certificate. This is a call for service and not an employment opportunity.

23rd August, 2005

MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN

***Procurement* ta' *Desktop Equipment* għaċ-CHOGM**

Qed titħabbar sejħa għal *procurement* ta' *PC desktop equipment*. Dan il-*procurement* għandu jsir mis-sistema ta' l-*eProcurement* eżistenti tal-Gvern. Fornituri li bħalissa mhumiex reġistrati mas-sistema ta' l-*eProcurement* iżda jixtiequ jissottomettu l-proposta tagħhom għandhom jirreġistraw kif suppost. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Central Information Management Unit (CIMU) fuq telefon 25992622 jew *email*: cimu@gov.mt. Id-data ta' l-għeluq għar-reġistrazzjoni hija nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu, 2005 f'nofsinhar

It-23 ta' Awissu, 2005

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

**Procurement of Desktop Equipment for CHOGM**

A call for the procurement of PC desktop equipment is being announced. This procurement shall be effected through the Government's existing eProcurement system. Suppliers who are not currently registered on the eProcurement system but wish to submit their proposals must register accordingly. Further information can be obtained from the Central Information Management Unit (CIMU) on telephone 25992622 or email: cimu@gov.mt. The deadline for registration is Friday, 26th August, 2005 at noon.

23rd August, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

**Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Awissu, 2005 għal:**

CT 253/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *carbon steel bars* għar-rinfurzar tal-konkrit lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Awissu, 2005 għal:**

CT 225/2005. Bini u semi-tkomplija ta' Blokki 1-3, *maisonettes* 1-2, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsascala - Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm200 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 226/2005. Kuntratt perjodiku għall-*handling* u *compaction* ta' skart permess f'Ta' Żwejra *Engineered Landfill* u biex tieħu ħsieb xogħlijiet oħra fil-*Waste Management Complex* tal-Magħtab - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 236/2005. Bini u semi-tkomplija ta' *maisonettes* D55-D62, Pembroke – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

**Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th August, 2005, for:**

CT 253/2005. Period contract for the supply of carbon steel bars for the reinforcement of concrete to the Procurement Section of the Contracts Department.

**Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th August, 2005, for:**

CT 225/2005. Construction and semi finishing of Blocks 1-3, maisonettes 1-2, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsascala - Housing Construction and Maintenance Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm200 for each copy of tender document.

CT 226/2005. Period contract for the handling and compaction of permitted waste delivered at the Ta' Żwejra Engineered Landfill and to undertake other works within the Magħtab Waste Management Complex - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u markata Dok. 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amminitrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni - Floriana.

Intimat: Yelstates Enterprises Ltd
53
Triq San Duminku
Valletta VLT 03
Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 18 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 11th July 2005, in the records of the judicial letter Number 4937/05, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Management Adv. Serv. Ltd as Administrator of Yelstates Enterprises Ltd, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 1st June 2005.

To: Management Adv. Serv. Ltd as Administrator of Yelstates Enterprises Ltd.

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of four thousand three hundred and twenty two Maltese Liri (Lm4,322) in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 1974, 1975, 1976, 1977, 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983 and 1984 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made and a copy of which is hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given to you he shall proceed to the execution of the executive title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present.

Interpellant: Department of Inland Revenue - Floriana.

Respondent: Yelstates Enterprises Ltd
53
Saint Dominic Street,
Valletta VLT 03
Malta

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 18th August 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1731

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Lulju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Numru 1959/05 fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Dennis Grech, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 4 ta' Marzu 2005

Lil: Dennis Grech

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' elf, tmien mija u erbgħa u tmenin lira Maltija (Lm1,884) ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992 u 1993, skond l-Avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkata Dok 'B', il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent : Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana.

Intimat: 207
Triq San Albert
Il-Gżira GŻR 04

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 18 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 4 July 2005, in the records of the judicial letter Number 1959/05 in the names The Commissioner of Inland Revenue vs Dennis Grech, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 4 March 2005.

To: Dennis Grech

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of one thousand, eight hundred and eighty four Maltese liri (Lm1,884) being arrears of tax on income or provisional tax for the years of assessment 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1988, 1989, 1990, 1991, 1992 and 1993 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite demand for payment made to you and a copy of which is also attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'B', the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time fixed to you he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of this Act.

Interpellant: Department of Inland Revenue, Floriana.

Respondent: 207
Triq San Albert
Gżira GŻR 04

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 18th August 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1732

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Lulju, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 17 ta' Novembru, 2005 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

L-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn 65 sena li bdew jiddekkorru fis-26 ta' Lulju, 1994, tal-fabbrika bla numru u bla isem f'Ħal Far, inklużi l-uffiċini u l-benefikati kollha eretti fuqha, mibnija fuq porzjoni ta' art ta' ċirka 10545 metri kwadri, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm5,273.00c0, stmata li tiswa Lm400,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Euro Steel Panel Malta Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Joseph A. Borg Costanzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Ġunju, 2004.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-2 ta' Awissu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 19th July, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Thursday 17th November, 2005 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th May, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

The temporary utile dominium for the remaining period from 65 years commencing on the 26th July, 1994, of unnumbered factory without name in Ħal Far, including the offices and with all its enjoyments, built on a plot of land measuring superficially 10545 square metres, being subject to the annual and temporary ground-rent of Lm5,273.00c0, valued at Lm400,000.00c0.

The said property belongs to Euro Steel Panel Malta Limited.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Joseph A. Borg Costanzi A&CE on the 10th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 2nd day of August, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1733

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-28 ta' Ġunju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa ĦMR 12 ippreżentaw Talba, fit-22 ta' Marzu 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Paola Borg (ID 212350M) ta' "Gecann", Flat 4B, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, sabiex thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u ħmistax-il lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm415.29) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 726/05JB) hija differita għat-3 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 18 ta' Awissu 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 28th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa ĦMR 12 filed a Claim on the 22nd March 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Paola Borg (ID 212350M) ta' "Gecann", Flat 4B, Triq it-Turisti, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of four hundred and fifteen Maltese liri and twenty nine cents (Lm415.29) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 726/05JB) is put off on the 3rd October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 18th August 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1734

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Awissu 2005,fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1241/03GCD, fl-ismijiet St. George's Park Co. Ltd ( C 264) vs Clouds Catering Ltd ( C 100006) ordnat illi r-rikors hawn taht riprodott jiġi notifikata lis-soċjetà konvenuta bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

St. George's Park Co. Limited (C 264)

vs

Clouds Catering Limited (C 100006)

Rikors ta' St. George's Park Co. Limited a tenur ta' l-artikoli 214 u 218 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tesponi bir-rispett:

Illi l-kumpannija rikorrenti tikri lill-kumpannija intimata l-lokal magħruf bħala Clouds, sussegwentement Insomnia, illum Pharaohs, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' lokazzjoni tal-15 ta' Ottubru 1988, li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. SGP1.

Illi l-kumpannija intimata hija debitriċi tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont ta' Lm79,546.92, rappreżentanti l-iskadenzi tal-kera għall-lokal fuq imsemmi mill-1 ta' Lulju 2000, sa l-1 ta' Ottubru 2003, oltre l-imgħaxijiet dovuti skond il-liġi.

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, fosthom dik ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu 2003, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. SGP2 li permezz tagħha l-kumpannija rikorrenti interpellat lill-kumpannija intimata sabiex tħallas is-somma ta' aktar minn Lm55,000, arretrati ta' kera u imgħaxijiet , il-kumpannija intimata baqgħet inadempjenti.

Illi effettivament jeżistu proċeduri ta' żgumbrament quddiem din l-Onorabbli Qorti (Ċit. Numru 472/2003 JRM) minħabba n-nuqqas ta' ħlas ta' kera.

Illi l-kumpannija intimata hija ukoll debitriċi ta' diversi kredituri oħra u ġew intavolati kontra l-kumpannija intimata diversi mandati eżekuttivi u kawtelatorji kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. SG P3, fosthom il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru. 3643/97 (Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Clouds Catering Limited) għall-ammont ta' Lm302,706,44 li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. SGP4 u l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru. 4342/96 (Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali vs Francis Chetcuti pro et noe) għall-ammont ta' Lm11,660, li kopja tiegħu hija hawn annessa u

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 9th August 2005, in the records of the Writ of Summons Number 1241/03 GCD, in the names St. George's Park Co. Ltd (C 264) vs Clouds Catering Ltd (C 100006) ordered that the application hereunder reproduced be notified upon the defendant company by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

St. George's Park Co. Limited (C 264)

vs

Clouds Catering Limited (C 100006)

Application of St. George's Park Co. Limited in terms of articles 214 and 218 of Chapter 386 of the Laws of Malta.

Pleads with respect:

That the applicant company grants on lease to the respondent company the premises known as Clouds, subsequently Insomnia, today Pharaohs, as results from the contract of lease of the 15th October 1988, a copy of which is hereby attached and marked Doc. SGPI.

That the respondent company is a debtor of the applicant company in the amount of Lm79,546.92, representing instalments of rent for the premises above mentioned from the 1st July 2000 to the 1st October 2003, besides interest due according to law.

That nothwithstanding various callings, amongst which a judicial letter of the 3rd March 2003, hereby attached and marked Doc. SGP2 in virtue of which the applicant company called upon the respondent company to pay the sum of more than Lm55,000, arrears of rent and interest, the respondent company failed to comply.

That effectively there exist procedures for eviction before this Honourable Court (Writ of Summons Number 472/2003 JRM) due to lack of payment of rent.

That the respondent company is also a debtor of various other creditors and there were filed against the respondent companies various executive and precautionary warrants as results from the document hereby attached and marked SGP3, amongst which the Executive Garnishee Order Number 3643/97 (Commissioner for Value Added Tax vs Clouds Catering Limited) for the amount of Lm302,706,44, a copy of which is hereby attached and marked Doc. SGP4 and the Executive Garnishee Order Number 4342/96 (Director of Social Security) vs Francis Chetcuti pro et noe for the amounts of Lm11,660, a copy I hereby attached and marked Doc SG

mmarkata bħala Dok SG P5.

Illi l-kumpannija intimata m'għandha ebda proprjetà immobili u dan kif jirriżulta mir-riċerki li kopja tagħhom hija hawn annessa u markata bħala Dok SG P6.

Illi għalhekk jidher ċar li l-kumpannija intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha ai termini ta' l-artikolu 214(5) tal-Kap. 386 u b'hekk hemm lok li l-kumpannija xxolji u tiġi stralċjata ġudizzjarjment kif irid l-artikolu 214(2) (a) (11) tal-Kap. 386.

Illi inoltre minn dak inhar li ġiet kostitwita fl-14 ta' Ottubru 1988, sal-lum il-kumpannija intimata qatt ma rreġistrat financial statements mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u dan bi ksur ta' l-artikolu 183 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) kif ukoll bi preġudizzju serju għal kredituri u terzi li qed jinnegozjaw mal-kumpannija intimata li minħabba dan in-nuqqas da parti ta' l-istess kumpannija intimata m' humiex f'pożizzjoni li jivverifikaw il-qagħda finanzjarja 'prima facie' diżastruża tal-kumpannija intimata.

Illi inoltre l-aħħar annual return tal-kumpannija intimata ġiet rreġistrata fis-16 ta' Jannar 1996 u għalhekk, billi l-kumpannija rikorrenti ilha ma tippreżenta annual return għal bosta snin hemm ksur da parti tagħha ta' l-artikolu 184 tal-Kap. 386.

Illi minkejja li l-kumpannija intimata hija manifestament insolventi hija qed tkompli topera b'telf li aktar ma jgħaddi ż-żmien dejjem qiegħed jikber,u dan bi preġudizzju serju għall-kredituri tal-kumpannija intimata.

Illi barra minn hekk fl-4 ta' Lulju 2003, il-kumpannija intimata daħlet f'hekk imsejjaħ 'management agreement' in konnessjoni mal-lokal fuq imsemmi, proprjetà tal-kumpannija rikorrenti , ma' Ashmar Holdings Limited u dan bi ksur tal-kuntratt ta' lokazzjoni tal-15 ta' Ottubru 1988 (Dok SGP1) u bi preġudizzju serju għall-kumpanija rikorrenti. Kopja tal-management agreement hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok SG P7.

Illi dan il-management agreement huwa messa in xena u fil-fatt jirriżulta ampjament li wieħed mid-diretturi ċertu Gordon Oglyvie għadda l-fond lil Ashmar Holdings Limited, sabiex jiġbor xi flus u mingħajr ma jgħaddihom lill-kumpannija intimata.

Illi dan kollu juri li apparti l-fatt li l-kumpannija intimata hija insolventi hija qed titmexxa b'mod leġġer ħafna u prima facie frawdolenti, u għalhekk hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija a tenur ta' l-artikolu 214(2) (b) (111) tal-Kap. 386.

Għaldaqstant, il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti

(1) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija intimata ma

P5.

That the respondent company has no immovable property and this as results from the searches a copy of which is hereby attached and marked Doc SG P6.

That thus it appears clearly that the respondent company cannot pay its debts in terms of article 214(5) of Chapter 386 and thus there is room that the company be dissolved and be judicially wound up as provided by article 214(2) (a) (11) of Chapter 386.

That furthermore from that day it was constituted on the 14th October 1988, till this day the respondent company never registered financial statements with the Registrar of Companies and this in violation of article 183 of the Companies Act (Chapter 386) as well as with serious prejudice to the creditors and third parties who are negotiating with the respondent company which due to this failure on the part of the respondent company are not in a position to verify the disastrous financial position ' prima facie' of the respondent company.

That furthermore, the last annual return of the respondent company was registered on the 16th January 1996, and thus, whilst the applicant company has not filed an annual return for various years there is a violation on their part of article 184 of Chapter 386.

That despite that the respondent company is manifestly insolvent it is continuing to operate at a loss which further increases with the passage of time and this with great prejudice to the creditors of the respondent company.

That besides this on the 4th July 2003, the respondent company entered into a so called 'management agreement' in connection with the premises above mentioned, property of the applicant company, with Ashmar Holdings Limited and this in violation of the contract of lease of the 15th October 1988, (Doc SGP1) and this with serious prejudice to the applicant company. A copy of the management agreement is hereby attached and marked as Doc SG P7.

That this management agreement is a set up and in fact it clearly results that one of the directors a certain Gordon Oglyvie, passed the premises to Ashmar Holdings Limited, to collect some money and without passing them to the respondent company.

That all this shows that apart from the fact that the respondent company is insolvent, it is being managed in a very superficial manner and prima facie fraudulent, and thus are there sufficiently grave reasons which justify the dissolution and winding of the company, in terms of article 214(2) (b) (111) of Chapter 386.

Thus, the applicant company prays with respect that this Honourable Court

(1) declares and decides that the respondent company

tistax thallas id-djun tagħha a tenur ta' l-artikolu 214(5) tal-Kap. 386 u konsegwentement tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali ta' l-istess kumpannija intimata a tenur ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386; u/jew

(2) mingħajr preġudizzju għall-premess tordna u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed illi jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tal-kumpannija intimata, u konsegwentement tordna illi l-kumpannija intimata għandha xxolji u tiġi stralċjata tenur ta' l-artikolu 214(2) (b) (iii) tal-Kapitolu 386; u

(3) f' każ ta' eżitu favorevoli għall-ewwel u/jew għat-tieni talba tagħti kull provvediment u ordni sabiex jinħatar l-istral-ċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 386.

Salv kull provvidement ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Mittenti: The Edwin England Sant Fournier Building, St. George's Park, San Ġiljan STJ 02.

Kumpannija Intimata: Pharaohs, St. George's Road, Paceville.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 18 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

cannot pay its debts in terms of article 214(%) of Chapter 386 and consequently orders the dissolution and consequent winding up of the same respondent company in terms of article 214(2) (a) (11) of Chapter 386; and/or

(2) without prejudice to the premised order and decided that their exist sufficiently grave reasons to justify the dissolution and consequential winding up of the respondent company and consequently order that the respondent is to be dissolved and wound up in terms of article 214(2) (B) (111) of Chapter 386; and

(3) in case of a favourable result to the first and/or second demand makes that provision and order, in order that a liquidator be appointed and the consequential winding up carried out according to the provisions of Chapter 386.

Saving any further provision which this Court deems fit to make.

Interpellant: The Edwin England Sant Fournier Building, St. George's Park, St. Julians STJ 02.

Respondent Company: Pharaohs, St. George's Road, Paceville.

Registry of the Superior Courts, today 18th August 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1735

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa ĦMR 12 ippreżentaw Talba, fit-3 ta' Ġunju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmelo Dimech (ID 97059M) ta' "Our Nest", Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u disgħin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm92.95) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Talba Numru 1220/05JB) hija differita għat-3 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' Awissu 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 11th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa ĦMR 12 filed a Claim on the 3rd June 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmelo Dimech (ID 97059M) of "Our Nest", Triq l-Indipendenza, Żebbuġ, to pay the plaintiff company the sum of ninty two Maltese liri and ninty five cents (Lm92.95) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1220/05JB) is put off on the 3rd October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th August 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1736

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Triq l-Imsida, Birkirkara BKR 14, ippreżentaw Talba, fil-11 ta' Frar 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alan Ciantar ta' Entrance D, Flat 7, Binja Kordin, Raħal Ġdid, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tnejn u sebgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm172.32) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 449/05EG) hija differita għat-23 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 16 ta' Awissu 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 12th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Triq l-Imsida, Birkirkara BKR 14, filed a Claim on the 11th February 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Alan Ciantar of Entrance D, Flat 7, Binja Kordin, Paola, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and seventy two Maltese liri and thirty two cents (Lm172.32) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 449/05EG) is put off for the 23rd September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 16th August 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1737

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Mejju 2005, fl-atti tar-Rikors Numru 99/05 JRM, fl-ismijiet Dott Michelle Tabone noe vs Joseph Micallef , ordnat illi r-rikors hawn taħt riprodott jiġi notifikat lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili Prim Awla

Rikors numru 99/05 JRM

Avukat Dott. Michelle Tabone bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha ta' Malta u occorrendo għan-nom u fl-interess tal-Patrimonju Sagru Vincenzo Dimech amministra mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta Vs Joseph Micallef.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th May 2005, in the records of the Application Number 99/05 JRM, in the names Dr Michelle Tabone noe vs Joseph Micallef, ordered that the application hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Application number 99/05 JRM

Advocate Dr Michelle Tabone as Bursar of Monsignor Archbishop, Administrator of the property of the Eccelesiatical Entities of the Diocese of Malta and if necessary in the name and interest of the Sacred Patrimony Vincenzo Dimech administered by the Archbishop's Curia of Malta Vs Joseph Micallef.

Rikors ta' l-Avukat Dott. Michelle Tabone noe.

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joseph Aquilina noe vs Joseph Micallef (Ċit. nru: 208/92 FGC) deċiża fl-10 ta' Ġunju 1994, l-intimat ġie kkundannat iħallas lill-esponenti s-somma ta' ħames elef ħames mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm5,536) (Dok. A), oltre l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji (Dok. B).

Illi sal-lum l-esponenti nomine għandha kreditur ta' l-intimat.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew 'il fuq minn ħames (5) snin u għalhekk kellha ssir din il-proċedura sabiex is-sentenza terġa' ssir eżegwibbli.

Għaldaqstant l-esponenti nomine titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex għat-tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) terġa' tirrendi eżegwibbli s-sentenza fl-ismijiet fuq premessi, bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Avukat Dott. Anthony Ellul
Il-Kurja, il-Furjana.

Rikorrenti: Il-Kurja, il-Furjana.

Intimat: Joseph Micallef,
JoeRose, Triq St. Elia, ix-Xgħajra.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri il-Ħamis 3 ta' Frar 2005, il-kawża r-Rikors Numru 99/2005 JRM, fl-ismijiet Tabone Av Dott. Michelle noe vs Micallef Joseph ġie appuntat għas-smigħ għall-Ħamis 7 ta' April 2005, fid-9.30 a.m., u sussegwentement differit u issa differit għat-18 ta' Ottubru 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 19 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT.FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application of Advocate Dr Michelle Tabone noe.

Pleads with respect and confirms by her oath:

That in virtue of a judgement given by the First Hall Civil Court in the cause in the names Joseph Aquilina noe vs Joseph Micallef (Writ of Summons number 208/92 FGC) decided on the 10th June 1994, the respondent was condemned to pay the applicant the sum of five thousand five hundred and thirty six Maltese liri (Lm5,536) (Doc. A), besides interest and judicial expenses (Doc. B).

That till this day the applicant nomine is still a creditor of the respondent.

That from the date of the judgement there elapsed more than five (5) years and thus this procedure had to be made so that the judgement becomes executable once again.

Thus the applicant nomine prays with respect this Honourable Court so that in terms of Article 258 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12) renders executable once again the judgement in the names above premised, with costs against the respondents.

Advocate Dr Anthony Ellul
The Curia, Floriana.

Applicant: The Curia, Floriana.

Respondent: Joseph Micallef
JoeRose, St. Elia Street, Xgħajra.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts on Thursday 3rd February 2005, the cause application Number 99/2005 JRM, in the names Tabone Adv Dr Michelle noe vs Micallef Joseph was appointed for hearing to Thursday 7th April 2005 at 9.30 a.m., and for the subsequently put off and is now put off to the 18th October 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th August 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
Registrar, Civil Courts and Tribunals

1738

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ta' Paul Meli, rikors numru 185/2005, fejn talab li tiġi ddikjarta miftuħa favur l-istess Paul, u ħutu Francis u Vincent aħwa Meli (ħut id-decujus) u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed minnhom, favur ulied il-mejjet William (ħu d-decujus) u cioè favur Josephine Alice u Marian Antonia Banks, aħwa Meli u dan fi kwota ta' parti waħda minn tnax-il parti (1/12) indiviża kull waħda minnhom, favur ulied il-mejta Maria Dolores Gusman née Meli (oħt id-decujus) u cioè favur Roberto, Maria Rosa, Angela Valentino, Alice Perri, aħwa Gusman, u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin parti (1/30) kull waħda minnhom, favur ulied il-mejjet Joseph Gusman (in-neputi tad-decujus) u cioè favur Adrian u Matthew aħwa Gusman, u dan fi kwota ta' parti waħda minn sittin parti (1/60) kull wieħed, u favur ulied il-mejta Mary Cinelli née Meli (oħt id-decujus) u cioè favur Biagino, Elvio u Giuseppina Piacentini, aħwa Cinelli, u dan fi kwota ta' parti waħda minn tmintax-il parti (1/18) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Saviour Meli, ġuvni, iben il-mejtin Giuseppe Meli u Alice Meli née Bailey, imwieled l-Isla u miet il-Belt, Valletta, fil-11 ta' Marzu 2004, ta' 78 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 665625(M) u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

It it hereby notified that by means of an application of Paul Meli, application number 185/2005, whereby he asked that there be declared open in favour of the same Paul and his brothers Francis and Vincent Meli (siblings of the decujus) and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share in favour of each one of them, in favour of the children of the deceased William (brother of the decujus) and that is in favour of Josephine Alice and Marian Antonia Banks, siblings Meli and this in the quota of one-twelfth undivided (1/12) share in favour of each one of them, in favour of the children of the deceased Maria Dolores Gusman née Meli (sister of the decujus) and that is in favour of Roberto, Maria Rosa, Angela Valentino, Alice Perri, siblings Gusman, and this in the quota of one-thirteeth (1/30) in favour of each one of them,in favour of the children of the deceased Joseph Gusman (nephew of the decjus) and that is in favour of Adrian and Matthew siblings Gusman, and this in the quota of one-sixteeth (1/60) in favour of each one of them, and in favour of the children of the deceased Mary Cinelli née Meli (sister of the decujus) and that is in favour of Biagino, Elvio and Giuseppina Piacentini, siblings Cinelli, and this in the quota of one-eighteenth (1/18)in favour of each one of them the SUCCESSION of Saviour Meli, bachelor, son of the late Giuseppe Meli and Alice Meli née Bailey, born in Senglea and died in Valletta, on the 11th March 2004, aged 78 and who had identity card number 665625(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure ( Chapter 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 18 ta' Awissu 2005.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 18th August 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1739

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ta' Silvio Bonello u Rosette sive Rose Vella mart Godfrey, rikors numru 457/2005, fejn talbu li tiġi iddikjarta miftuħa favur tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' ommhom Antonia Bonello, armla minn Paul Bonello, bint il-mejtin Alfredo Mifsud u Rosina Mifsud née Caruana li kienet imwielda, kienet toqgħod u mietet il-Belt, Valletta, fit-12 ta' Mejju 2005, fl-età ta' 73 sena u kellha karta ta' l-identità numru 541831(M) li mietet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam fih.

It is hereby notified that by means of an application of Silvio Bonello and Rosette sive Rose Vella wife of Godfrey, application number 457/2005, whereby they asked that it be declared open in their favour in equal shares between them the SUCCESSION of their mother Antonia Bonello, widow of Paul Bonello, daughter of the late Alfredo Mifsud and Rosina Mifsud née Caruana, who was born, resided and died in Valletta, intestate, on the 12th May 2005, aged 73 and who had identity card number 541831 (M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 19 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure ( Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 19th August 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1740

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 993/2005, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Bernard and Maria Dolores Scerri ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimati bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 8 ta' Marzu 2005

Lil Bernard u Maria Dolores Scerri

Permezz tal-preżenti, s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn thallsu s-somma ta' sebat elef, seba' mija u ħamsin Lira Maltin, u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm7,750.54) bilanċ għad-debitu fil-'Loan Accounts' tagħkom mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Soċjetà Mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimati: Bernard and Maria Dolores Scerri
(I.D. Numri 23359(M) u 615857(M)
'Dorben' Triq Sant' Antnin, il-Fgura.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 19 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by mean of a decree given on the 3rd June 2005 in the records of the judicial letter number 993/2005, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Bernard and Maria Dolores Scerri ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 8th March 2005

To Bernard and Maria Dolores Scerri

By the present, the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of seven thousand, seven hundred and fifty Maltese Liri and fifty four cents (Lm7,750.54) balance of debt in his 'Loan Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st October 2004 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondents: Bernard and Maria Dolores Scerri
(ID Numbers 23359(M) and 615857(M)
'Dorben', Saint Anthony Street, Fgura.

Registry of the Superior Courts, today 19th August 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*